II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Novembru 2008

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

(2009/156/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 133 u 181 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Billi:

(1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-Istati ta' l-AKP.

(2) Negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim ġew konklużi b'suċċess u l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Côte d'Ivoire fuq naħa waħda u u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-FSE interim") inizjalat fis-7 ta' Diċembru 2007.

(3) L-Artikolu 75, il-paragrafu 4 tal-FSE interim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, sakemm huwa jidħol fis-seħħ.

(4) Il-FSE interim għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità u applikat, għal dak li jirrigwarda l-elementi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità, fuq bażi provviżorja soġġett għall-konklużjoni tiegħu aktar tard.

([1]) ĠU C […], […], p. […].

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-FSE interim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 73(2) tal-FSE interim, il-Kumitat FSE huwa ffurmat, min-naħa waħda, mill-membri tal-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, mir-rappreżentanti tal-gvern tal-Côte d'Ivoire. Il-Kummissjoni għandha tipproponi lill-Kunsill, għad-deċiżjoni tiegħu, il-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea bil-ħsieb tan-negozjazzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat FSE.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna(i) mogħtija l-poter li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Għal dak li jirrigwarda l-elementi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità, il-FSE interim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja kif stipulat fl-Artikolu 75, il-paragrafu 4 tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika notifika li tagħti tagħrif dwar id-data ta' l-applikazzjoni provviżorja.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

É. WOERTH